MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 374/2005/1

**GasanMamo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Marie-Louise Agius**

**vs**

**Duncan Agius u Margaret Sciberras**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-avviz li fih is-societa attrici talbet il-hlas ta' mitejn u seba Liri u hames centezmi (Lm207.05c) rappresentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident l-konvenuti kienu unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-risposta fejn l-konvenuta Margaret Sciberras qalet li mhijiex responsabbli ta' dan l-incident izda kien biss tort tal-konvenut Duncan Agius.

Ra r-risposta fejn l-konvenut Duncan Agius qal li li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda kien tort ta' l-attrici u l-konvenuta Sciberras.

Agius qal ukoll illi l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-road accident report fejn Margaret Sciberras qalet:

"Kont gejja mid-direzzjoni tan-naha ta' l-Imsida. Kont qeghda il-boghod, qisu 6 metri u kif bdejt nisslowja hassejt il-karozza ddur bija. Ftit metri il-boghod minni kien hemm karozza EEB898 li kellu zejt hiereg mill-karozza tieghu li kien ipparkjat fil-genb tax-xellug u l-karozza tieghi daret bija kompletament.

Bhala hsara kellha "front bumper, front bonnet u front right headlight".

Marie-Louise Agius qalet:

"Kont qed insuq on the fast lane, karozza quddiemi slowjat u jiena slowjajt ukoll. Imbaghad hassejt daqqa fuq wara tal-karozza."

Bhala hsara kellha "rear left tail lamp u rear bumper".

Duncan Agius qal:

"Kont sejjer min naha ta' San Pawl. Kien hemm truck quddiemi u waqatlu gebla min fuq wara u dahlet taht il-karozza u infaqali is-samp u harigli iz-zejt kollhu."

L-"officer remarks" kienu:

"Kif wasalt fuq il-post kien hemm hafna zejt ma' l-art tal-vettura EBB898. Qal li waqghet gebla. W174 (Jesmond Buttigieg) – W155 (Noel Buttigieg) ma' rajniex din il-gebla imkien".

Ra x-xhieda ta' Warden 174 fejn jikkonferma r-road accident report u l-iskizz. Jikkonferma li meta mar fuq il-post sab hafna zejt li hareg mill-vettura ta' Duncan Agius. Jikkonferma li ma ra l-ebda gebla.

Jispjega li Margaret Sciberras dahlet fil-vettura ta' Marie Louise Agius. Duncan Agius ma' kienx involut fil-habta, hu kien ipparkjat hemm.

Margaret Sciberras ma' kienetx qalet f'liema lane kienet qabel il-habta filwaqt li Marie Louise Aguis kienet qalet li kienet fuq il-lane ta' barra.

Jikkonferma li ma' kien hemm l-ebda brake marks.

Fil-kontro-ezami jghid illi z-zejt kien gej ghat-tul u ghalhekk probabli li kien ilu niezel iz-zejt. Ma' kienx kompattibbli ma xi hadd li qala' daqqa u z-zejt hareg fsalt. It-triq fejn gara l-incident hija "slanting", ghan-nizla.

Ra x-xhieda ta' Margaret Sciberras fejn tghid illi waqt li kienet qed issuq fid-direzzjoni ta' San Giljan fuq in-naha tax-xellug tilfet il-kontroll u il-karozza haditha lejn il-lemin tat-triq.

Tispjega illi ghamlet speci ta' u-turn u giet fuq in-naha l-ohra jigifieri ta' barra. Tkompli tghid li habtet ma' Seat Ibiza w l-vettura taghha daret kontra t-traffiku. Tikkonferma li kien hemm iz-zejt ma' l-art izda ma' rat l-ebda gebla. Tghid ukoll illi l-Ibiza kienet fuq il-lane tal-lemin u meta sar l-impatt, l-Ibiza kienet diga wieqfa.

Maire Louis Agius qalet li l-karozza taghha kienet wieqfa u dahlet vettura go fiha minn wara. Il-persuna li dahlet go fiha ma taghat ebda raguni ghal habta hlief li skidjat. L-impatt kien qawwi.

Ikkunsidra li basikament hemm qbil dwar il-fatti essenzjali. L-assikurata tas-societa attrici kienet wieqfa, il-konvenuta Sciberras skidjat minhabba zejt fit-triq u baqghet diehla go fiha u z-zejt kien hiereg mill-vettura tal-konvenut Duncan Agius.

Fil-kawza Vella vs Camilleri (Prim’ Awla 29/01/98) gie ritenut:

“Li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma’ jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabilita nonostante l-iskid; jekk ma tirizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabli. Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddajt, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid.”

F’dan il-kaz wiehed jrid jezamina jekk l-konvenut Duncan Agius kien risponsabbli ghal incident ghaliex iz-zejt hareg mill-vettura tieghu. Illi dan it-Tribunal jrid jara jekk Duncan Agius agixxa ta’ bonus pater familias. Illi Agius jghid li waqghet gebla minn truck u inkisirlu s-samp u hariglu z-zejt. Illi Duncan Agius naqas li jixhed f’din il-kawza. Il-Warden xehed li z-zejt ma kienx “kompatibbli ma xi hadd li qala daqqa u z-zejt hareg f’salt imma kien ilu johrog xi distanza”. Illi Agius naqas li jispjega kemm kien ilu johrog iz-zejt, kemm kienet id-distanza qabel l-incident li induna li kien qed johrog iz-zejt. Fil-kontro-ezami l-warden qal li z-zejt kien beda madwar 7 metri qabel fejn gara l-incident. Duncan Agius ma qalx jekk l-vettura tieghu kienet f’kundizzjoni tajba.

Hija s-societa attrici li kellha tipprova negligenza da parti tal-konvenuti. Ma hemmx bizzejjed provi biex it-Tribunal jikkonkludi Duncan li Agius kien negligenti fl-agir tieghu. Illi ma kien hemm xejn hazin fis-sewqan ta’ Margaret

Sciberras qabel l-incident. Ma hemmx dubju li skidjat minnhabba z-zejt. Id-danni fil-vettura tal-assikurat tas-societa attrici ma kienux kbar u dan huwa indikazzjoni li Sciberras ma kienitx qieghda issuq b'velocita eccessiva.

Ghalhekk billi s-societa attrici ma gabitx prova li xi wahda jew z-zewg konvenuti kienu risponsabbli ghal incident jichad it-talba attrici. Bl-ispejjes kontra s-societa attrici."

L-appell interpost mis-socjeta` assiguratrici attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu cirkoskritt ghal dawn l-obbjezzjonijiet:-

(1) Il-fatti li taw lok ghall-incident u ghad-danni subiti mill-assigurata taghha kellhom l-ingredjenti tar-*res ipsa loquitur* u dan kellu jinduci lit-Tribunal li jsib htija fil-konvenuti jew f' xi wiehed minnhom;

(2) Ghal dak li jirrigwarda l-involviment tal-konvenuta Margaret Sciberras ma kien hemm ebda element ta' c*asus* li kellu jissarraf fil-liberazzjoni taghha mir-responsabilita`. Is-socjeta` attrici appellanti tiddezumi dan mill-paragun fil-kondotta tas-sewqan bejn din il-konvenuta u l-assigurata taghha Marie-Louise Agius;

(3) Il-motivazzjoni tat-Tribunal li jillibera lill-konvenut Duncan Agius mir-responsabilita` tieghu ghall-incident hi errata in kwantu kien jinkombi fuq dan li juri li hu mexa bid-diligenza dovuta u li ghamel dak kollu li kien ragonevolment mistenni minnu biex jevita l-hsara li sehhet;

Ghal dawk li huma provi, ir-rizultanzi istruttorji manifestament jispjegaw illi l-incident sehh meta l-vettura misjuqa mill-konvenuta Margaret Sciberras inkontrat fit-triq perkorsa minnha xi zejt li kien waqa' mill-vettura tal-konvenut Duncan Agius, bil-konsegwenza li l-vettura skiddjat u spiccat mahbuta fil-vettura ta' l-assigurata Marie Louise Agius li f' dak il-mument kienet kwazi "*at a standstill*". Ara xhieda ta' din a fol. 83;

B’ dawn il-fatti, ghat-Tribunal ma kienx hemm elementi sufficjenti ta’ prova biex jikkonkludi li kien hemm htija fil-konvenuti. Is-socjeta` attrici appellanti tikkwerela dan ir-ragonament billi, sostanzjalment, iggib ‘il quddiem, bi gravami, l-applikazzjoni ta’ dawn il-kwestjonijiet ta’ dritt ghall-fatti kif ipprovati:-

(i) il-principju tar-*res ipsa loquitur*, kombinata mal-kondotta taz-zewg konvenuti;

(ii) l-assenza tal-*casus*;

Huwa indiskuss illi b’ dawn l-aggravji taghha s-socjeta` appellanti trid tisposta l-oneru tal-provi fuq il-konvenuti. Ovvjament, skond it-tezi taghha, il-fatti dannuzi li ssuccedew ghandhom insit fihom l-impronta tal-htija u, konsegwentement, kien dmir ta’ min ikkagunahom li jipprova li hu ma kellux responsabilita` f’ dak li ssuccieda;

Dan premess, dwar id-dottrina tar-*res ipsa loquitur*, jinsab enuncjat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Civili, tal-5 ta’ Frar 1971 in re “**Edgar Zahra -vs- Carmelo Vassallo**”, illi t-tliet rekwiziti ghall-applikazzjoni tal-massima huma dawn:-

“(1) Il-haga li tikkaguna d-dannu trid tkun taht il-kontroll tal-konvenut;
(2) Waqt li tkun taht il-kontroll tieghu jigri accident li ma kienx jigri fil-kors ordinarju ta’ l-affarijiet minghajr kolpa. Ad ezempju, meta vettura tigi milquta minn wara;
(3) Il-konvenut ma jaghtix spjegazzjoni”;

Inoltre jinghad f’ din l-istess sentenza illi fil-kazi fejn tapplika din il-massima, bil-fatti u c-cirkustanzi ta’ l-accident innifsu, minghajr xejn izjed, dan huwa *prima facie* prova ta’ negligenza, anke jekk mhux prova konkluziva li quddiemha kull prova tal-konvenut ghandha ccedi;

Affermati dawn ir-rekwiziti, mill-mod kif sehh l-incident taht konsiderazzjoni jista' jigi dezunt illi l-htija fil-konvenuti jew ta' xi wiehed minnhom hi mir-*res* hekk inferita. Minn dan jikkonsegwi illi kien jaggrava fuq il-konvenuti li jiddemostraw xort' ohra ghall-konvinciment ta' min htieglu jiggudika. Jigifieri, li d-danni rizultanti ma avverrawx b' xi kolpa taghhom;

Manifestament mir-risposti taghhom ghat-talba tas-socjeta` attrici l-konvenuti jaddossaw il-kolpa lil xulxin u wkoll skond Duncan Agius, bil-kontribuzzjoni ta' l-assigurata Marie Louise Agius. Jinkombi fuq il-Qorti li tezamina dawn id-difizi u tiddetermina jekk il-konvenuti, jew min minnhom, irnexxielux jiskarika l-piz tal-prova gravanti fuqu;

Il-linja difensjonali tal-konvenuta Margaret Sciberras hi dik li l-iskiddjar tal-vettura taghha kien dovut ghaz-zejt li waqa' fit-triq mill-vettura tal-konvenut l-iehor;

Gie ritenut fis-sentenza "**Giuseppe Borg *nomine* -vs- Algernon Crockford *nomine***", Appell Civili, 18 ta' April 1952 (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 81**) illi "l-iskid, bhala tali, ma jeskludix responsabilitajiet, u ghalhekk ghandu jigi ezaminat jekk l-istess 'skid', f' kull kaz in partikulari, kienx dovut ghall-htija ta' xi hadd, kif ukoll jekk setax jigi evitat jew korrett; ghax l-iskid jista' jkun ukoll provokat mill-mod kif wiehed isuq, billi d-*driver* ma jkunx ha l-prekawzjonijiet necessarji li c-cirkustanzi eccezzjonali li jkun jinsab fihom ikunu jirrikjedu. L-iskid huwa cirkostanza newtra, ghax jista' jkun l-effett ta' negligenza precedenti, jew negligenza ta' 'third party', jew dovut ghall-accident inevitabbli";

Fuq il-punt issokta jigi similment puntwalizzat illi "f' materja ta' *skidding* ta' vettura l-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan: l-iskid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx

hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti; jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabilita`, nonostante l-iskid. Jekk ma tirrizultax, allura l-iskid hija '*a good defence'*, ghax tkun '*inevitable accident*'." ["**Il-Pulizija -vs- Carmel Cachia**, Appell Kriminali, 11 ta' Dicembru 1954 (**Kollez. Vol. XXXVIII P IV p 920**)];

Minn dawn is-sentenzi jitnissel l-insenjament illi stabbilita l-ezistenza tan-ness bejn is-sewqan tal-konvenuta msemmija u l-event leziv li gab id-dannu fil-vettura ta' Marie Louise Agius, din il-konvenuta, biex tissotraji ruhha mir-responsabilita`, riedet taghti prova ta' l-"accident" jew tal-kaz fortuwitu, kostitwit minn fattur estern, li jista' jikkonsisti anke fil-fatt negligenti ta' "*third party*". Fatt dan li ghaliha ried dejjem jirrivesti fih il-karattri ta' l-imprevedibilita`, ta' l-inevitabilita` u ta' l-eccezzjonalita` assoluta;

Issa skond is-sottomissjoni tas-socjeta` attrici appellanti fil-paragun bejn is-sewqan tal-konvenuta predetta u dak ta' l-assigurata taghha hu indikattiv li l-konvenuta kienet negligenti jew minhabba nuqqas ta' *proper look out* jew ghax kienet qed issuq bi *speed* tali li ma ppermettiliex li jkollha l-kontroll tal-vettura. B' din is-sottomissjoni s-socjeta` appellanti qeghda ssostni li l-kaz fortwitu avvenut bil-waqgha taz-zejt fit-triq ma jistax jitqies bhala "*mezzo liberatorio dalla responsabilita`*" ("**Ciantar -vs- Gatt**", Appell Inferjuri, 15 ta' Mejju 1926) ghaliex kien precedut minn htija negligenti fis-sewqan tal-konvenuta li kkagunat id-dannu fil-vettura ta' l-assigurata taghha u allura "*si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*" (**Kollez. Vol. XXIV P I p 172**);

Bir-rispett dovut din il-Qorti ma thossx illi mill-paragun bejn iz-zewg kondotti fis-sewqan tista' liberament tigi sottratta l-konvinzjoni ta' xi kolpa negligenti fil-konvenuta. Huwa fatt illi skond ix-xhieda tal-Warden Jesmond Buttigieg (fol. 62) kien hemm "kwantita ta' zejt" u "triq shiha biz-zejt li kien ilu johrog minn distanza". Il-fatt li l-assigurata Marie Louise

Agius ma skiddjatx fuqu ma jfisserx illi allura s-sewqan tal-konvenuta kien negligenti. Il-Qorti ma tistax tistrieh fuq kongettura bhal din meta mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi vjolazzjoni ta’ dover jew omissjoni ta’ diligenza da parti tal-konvenuta. Ghal kuntrarju, il-fatti dimostrativi juru li fil-kaz tal-konvenuta kien proprju t-tixrid fit-triq ta’ dak iz-zejt li kellu l-effikacja kawzali eskluziva fil-produzzjoni tad-dannu u mhux xi imgieba mprudenti fis-sewqan tal-konvenuta. Dan il-fatt jeskludi r-responsabilta` in kwantu, fid-determinazzjoni ta’ l-event dannuz, dan, f’ dawk ic-cirkustanzi, la kien prevedibbli u lanqas evitabbli. Id-difiza tal-konvenuta ghandha allura tirnexxi u jisthoqqilha tigi kkonfermata;

Mhux l-istess jista’ jinghad fil-kaz tal-konvenut l-iehor Duncan Agius. Stabbilit mill-provi illi z-zejt fit-triq waqa’ mill-vettura tieghu, u eskluz ukoll illi l-kagun tal-waqgha tieghu sehh minhabba gebla li jinghad li waqghet minn *truck*, dahhlet taht il-vettura tieghu u faqghatlu s-*sump* (ara xhieda tal-Warden Jesmond Buttigieg, fol. 62, u ta’ Margaret Sciberras, fol, 66, li sostnew li ma raw ebda gebla fit-triq), l-imsemmi konvenut, baqa’ ma offriex spjegazzjoni plawsibbli u konvincenti tal-waqgha taz-zejt mill-vettura tieghu u waqt li din kienet taht il-kontroll tieghu. Dan ma ghamlux ghax hu baqa’ ma xehedx. La din il-kawza ezatta tal-waqgha taz-zejt ma gietx spjegata minnu, u r-raguni l-ohra li ta *a tempo debito* lil Warden tinsab newtralizzata, l-inferenza logika li ghandha titnissel mill-kwadru tal-fatti hi dik ta’ l-affermazzjoni f’ dan il-kaz tal-massima tar-*res ipsa loquitur*, hawn fuq imfissra.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell lilha devolut mis-socjeta` assiguratrici attrici u b’ hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddikjara li ghall-incident u ghad-danni reklamati huwa unikament responsabbli l-konvenut Duncan Agius u ghaldaqstant qed tikkundannah ihallas lis-socjeta` appellanti in linea ta’ danni l-ammont rikjest bl-avviz. L-ispejjez kemm ta’ din l-istanza kif ukoll dawk ta’ l-ewwel grad ghandhom jitbatew mill-konvenut appellat imsemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------